# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 554

It-Tlieta, 17 ta' Jannar, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-13.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

### 554.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Alvin Grech u Abigail Micallef talbu li jigu skuzati minhabba ragunijiet ta' xogħol u skola rispettivament. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

### 554.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 554.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

554.3.1 Ir-Reġjun t'Għawdex talab lill-Kunsilli jagħmlu stima tal-ħsara li setgħet saret wara l-maltemp. Il-Kunsill tagħna għamel stima ta' Eur18,000 f'danni.

554.3.2 Il-Kunsill Lokali talab lill-BCRS sabiex issir magna tal-fliexken gewwa Ta' Kercem.

554.3.3 Is-Sindku qal li għandna laqgħa mal-Ministru għal Għawdex sabiex niddiskutu xi affarijiet li hemm pendenti fosthom il-problema tat-trakkijiet.

554.3.4 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi hemm xi tappieri tad-drenaġġ li qed jisfrondaw fi Triq Qasam San Pawl. Ser nirranġawhom.

554.3.5 Dwar il-każ tal-qorti li għandna fuq il-ħajt ta' Triq Xuxa, ser nistennew mingħand l-insurance sabiex jitħallas minn hemm.

554.3.6 Dwar il-parking bays, ġiet ippreżentati l-proposta tal-Perit għal Triq is-Santwarju Puniku. Din ġiet approvata u għalhekk ser nibgħatuha lil TM.

554.3.7 Is-Sindku qal li għal Easter in Gozo, il-Kumitat tal-Parroċċa talab li nagħmlu marċ għal San Girgor u permezz t'hekk ninawguraw il-monument tal-Lunzjata. Jekk ma jtuniex il-fondi, iħallas il-Kunsill. Il-membri qablu ma' dan.

554.3.8 Saret talba biex issir clean up ġewwa Ta' Kerċem u tajnihom il-permess.

554.3.9 Saret talba għal Reserved parking bay ta' Louis Gambin ta' 'Marie Lewis', Triq it-Torri. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

554.3.10 TM bgħatet email dwar l-ittra li rċevejna mingħand Dr Chris Said fuq it-trakkijiet li qed jgħaddu minn Triq Madre M Debrincat. TM qed jissuġġerixxu li jsiru double yellow lines man-naħa l-oħra tat-triq, jiġifieri man-naħa tal-garaxxijiet biex ma jipparkja ħadd. Fl-istess ħin, TM talbet lill-Kunsill jagħti rimedju għal din il-problema. Il-Kunsill iddiskuta imma rimedji m'għandux.

554.3.11 Irċevejna email mingħand is-Surġent Grima li qed iwassal ilment ta' resident illi z-zebra crossing ta' quddiem iċ-Ċentru fi Triq l-Avukat A Calleja, qegħda f'kantuniera.

554.3.12 Il-Kunsill iddiskuta u kkonkluda illi b'dan l-istess argumenti, kważi z-zebra crossings kollha jinsabu f'kantuniera.

554.3.13 Irċevejna email mingħand TM li qed taċċetta li jsiru d-double yellow lines faċċata tal-iskola Santa Tereża.

554.3.14 Is-Sindku qal li ser jitressaq bħala xhud fil-kawża ta' Marks vs Sacco dwar is-sit ta' quddiem is-residenza ta' Marks. Is-Sindku talab l-informazzjoni mill-Lands Authority u se jippreżenta l-istess informazzjoni.

554.3.15 Is-Sindku qal li ġbarna kwotazzjoni għal arms tal-fanali għax kollha qed jispiċċaw. Il-kwotazzjoni hija ta' Eur1174 għal għaxar arms. Ġie deċiż li jsiru.

554.3.16 Is-Sindku fakkar il-memorja tas-Sur Silvio Parnis li ħdimna flimkien għal xi snin u fejn seta' dejjem ta l-għajnuna tiegħu. Huwa għadda l-kondoljanzi lill-familja tiegħu.

## 554.4 Approvazzjoni tal-Evalwazzjoni tal-offerta tal-benches – proġett Għadira

Is-Sindku spjega li l-bord ta' evalwazzjoni evalwa l-offerta tal-benches u l-Kunsill Lokali approva tali offerta.

## 554.5 Miżura 3

Is-Sindku qal li ser terġa' toħroġ Miżura 3. Peress li l-aħħar darba kellhom iwaqqgħulna l-applikazzjoni ġie deċiż li nerġgħu napplikaw.

## 554.6 BCRS ġewwa Ta' Kerċem

Is-Sindku qal li tkellimna mal-BCRS sabiex tinġab magna ġewwa Ta' Kerċem u bgħatulna lura li ser ikellmuna. Bħala post, il-Kunsill Lokali qabel li kieku titpoġġa fi Triq Qasam San Ġorġ fejn is-CCTV.

## 554.7 Ilmenti u Suġġerimenti

554.7.1 Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill Lokali jorganizza minibus għal Malta's Got Talent fid-29 ta' Jannar 2023 peress li ser tkun qed tagħti s-sehem tagħha l-Kerċmija Josephine Marie Grima. Ħadd ma sab oġġezzjoni

554.7.2 Il-Kunsill Lokali ddiskuta l-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistant Principal u l-Animal Steward u ddeċieda li jingħataw il-bonus komplet.

554.7.3 Il-Viċi Sindku talab li ssir Stop Sign in-naħa t'isfel ta' Triq San Pietru u San Pawl. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

554.7.4 Saret talba sabiex issir mera fi Triq Santa Luċija faċċata ta' garaxx peress li qed jisħaq li ma jkunx jista' jara min hu ġej hu u ħiereġ mill-garaxx. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 554.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-2pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Frar, 2023 fis-2pm ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Mario Azzopardi | Marianne Sagona |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |